MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 326/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Keith Arnaud)**
**Vs**
**Marlon Zarb**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-6 t'Awissu, 2008, ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofs inhar (17:00 hrs) gewwa Triq tas-Sliema, Gzira,

a) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

b) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun, inkarigat minn servizz pubbliku, w cioe' ta' l-Ispettur Keith Arnaud u ta' PS 1214 Lee Julian Dimech, jew ma halliex jew fixxkel waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista'

jaghmel, jew billi gibed fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunx jaqghu taht disposizzjonijiet ohra tal-Kodici Kriminali jew ta’ ligi ohra;

c) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwatt, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra George Barbara;

d) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra George Barbara sabiex ingurjah,dejqu jew ghamillu hsara, lilu jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa’ taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali;

e) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil George Barbara ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

f) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien fil-pubbliku, qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f’dagha w dan ai terminu tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 t’Awissu, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta w regghet rat l-artikoli 338(bb), 338(dd), 338(ee) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, trattat ma’ Marlon Zarb ghar-reati li taghhom instab hati fis-7 t’Awissu, 2208 daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati w fil-waqt li kkonfermat is-sejbin ta’ htija fil-konfront ta’ l-istess Marlon Zarb kif irrizulta minn dik l-imsemmija sentenza kkundannatu ghal xahrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 t’Awissu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu hati talli kiser l-ordni tal-probation fuqu mposta b’sentenza tas-7 t’Awissu, 2008 u b’hekk ittrattat migheu mill-gdid ghall-akkuzi originarjament dedotti kontra tieghu w tvarja l-piena mposta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi huwa jhoss li l-piena nflitta fic-cirkostanzi hija wahda eccessiva tenendo kont li l-akkuzi li ghalihom originarjament instab hati kienu ta' natura kontravenzjonali fejn il-prassi hi li l-piena li tinghata tkun wahda pekunjarja;
Illi in effetti l-fedina penali tieghu hija wahda tajba w ma jidhirx li huwa opportun li jintbaghat il-habs fuq kontravenzjonijiet li taghhom instab hati 'l fuq minn sena ilu;
Illi jigi sottomess ukoll li bid-dovut rispett ghad li l-ewwel piena fuqu nflitta kienet tidher pjuttost eccessiva, huwa dispost li jkompli jsegwi l-ordnijiet tal-probation officer.

Ikkunsidrat :

Illi l-akkuzi illi l-appellant huwa addebitat bihom jirrizalu sas-6 t'Awwissu 2008 f'incident illi nqala' gewwa triq tas-Sliema l-Gzira fejn l-appellant kellu xi jghid ma George Barbara, ggieldu u tressqu l-Qorti biex iwiegbu ghall-akkuzi in konnessjoni ma' dan l-incident. Jidher illi l-appellant diga' kellu okkazzjonijiet ohra fejn kiser difrugh mal-Ligi w jinghata probation officer sabiex jghinu fil-komportament tieghu.

Id-difiza argumentat illi originarjament l-appellant kien akkuzat b'kontravenzjonijiet, fl-liema kaz piena pekunjarja kienet aktar addatata minn dik karcerarja, peress illi ma kienx akkuzat illi kiser ordni ta' probation jew recidiva.

L-incident kien wiehed ta' ftit storbju u normalment ma tpoggix imputat taht probation order bhala konsegwenza ta' dan l-agir. Huwa biss jekk ikun hemm "an arrestable offence" illi persuna titressaq b'arrest u jekk okun il-kaz, jitqieghed taht ordni ta' probation.

L-Avukat Generali minn naha l-ohra argument illi l-appellant inghata aktar minn "chance" wiehed sabiex

jikkoopera mal-probation officer, izda ma tax kaz. L-akkuzi fi kwalunkwe kaz huma regolati bl-artikolu 7 tal-Kap. 9.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti ma kellhix hlief izda li timponi piena karcerarja li kienet wahda fil-parametri tal-ligi.

Ikkunsidrat :

Illi l-argumenti illi l-appellant gab quddiem din il-Qorti kollha gew trattati mill-Magistrat fl-ewwel sentenza w waslet ghall-konkluzzjoni "illi ezami tal-atti juri ampjament li l-Qorti tat opportunita' lil Zarb biex jirriforma u jirriabilita' ruhu, pero' huwa ghazel li jinjora kompletament din l-opportunita' …… Illi fil-kaz in ezami l-imputat wera bic-car ili huwa mhux lest li jaccetta l-ghajnuna w li joqghod ghall-ordnijiet li qed jinghatawlu………" u ghaddiet biex tittratta mieghu ghar-reati li taghhom kien instab hati. Poggietu taht ordni ta' probation, u b'konsegwenza ta' nota tal-20 ta' Lulju, 2009, sena wara l-incident in kwistjoni, fejn ufficjal tal-probation Marilyn Attard infurmat il-Qorti illi l-appellant ma kienx qed joqghod ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Kien ghalhekk illi l-Ewwel Qorti ma kellhix ghazla hlief li tittratta mall-appellant ghal ksur tal-ordnijiet tal-probation u l-kundanna taghha kienet wahda gusta w ragjonevoli fic-cirkostanzi.

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi ladarba l-ewwel sentenza kienet ragjonevoli u legalment korretta mhux il-kaz illi tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------